MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 431/2008

**Carmen Briffa (I.D. 575241M)**

***kontra***

**Josephine Camilleri, Maria Solomone Briffa, Pauline Azzopardi, Louise Dimech, Doris Farrugia, Anthony Debono, John Debono lkoll eredi universali tad-defunta ommhom Catherine Debono u b`digriet tal-15 ta` Jannar 2009 l-atti kollha f`isem John Debono gew legittimati ghal fuq hutu Josephine Camilleri, Maria Solomone Briffa, Pauline Azzopardi, Louise Dimech, Doris Farrugia uAnthony Debono, li huma lkoll partijiet f`din il-kawza.**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-28 ta` April 2008 li jaqra hekk –

*Illi hija tigi bint id-defunta Catherine Debono li mietet nhar il-25 ta` Lulju 2007 ;*

*Illi d-defunta Catherine Debono halliet bhala eredi universali taghha lil uliedha partijiet f`din il-kawza skond testment tal-25 ta` Jannar 1984 in atti Nutar Dr. Mario Louis Felice kif sussegwement amendat bit-testment tat-18 ta` Settembru 2000 in atti Nutar Dr. Edward Flores, hawn annessi u mmarkati DOK. A u DOK. B ;*

*Illi matul id-dekors ta` hajjet id-defunta Catherine Debono, ir-rikorrenti hadet hsiebha b`diversi modi billi pprestat diversi servigi ghal numru kbir ta` snin lil ommha kif ha jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Illi kienet biss ir-rikorrenti illi kienet tippresta servigi lil ommha matul hajjitha, specjalment fl-ahhar zmien ta` hajjitha u anki harget flus minn butha ghal spejjez in konnessjoni ma` l-istess servigi ;*

*Illi r-rikorrenti kienet anki prokuratrici tad-defunta ommha ghal diversi snin ;*

*Illi r-rikorrenti nterpellat lill-intimati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas minnhom lilha ghal servigi li hija rrendiet lil ommha ghal diversi snin u dawn baqghu inadempjenti ;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati l-ghala din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara lill-intimati qua eredi tad-defunta Catherine Debono bhala responsabbli solidalment bejniethom ghal hlas ta` servigi li r-rikorrenti pprestat lil Catherine Briffa meta din kienet ghadha hajja;*

*2. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi s-servigi resi ;*

*3. Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti, in linea ta` servigi, dak il-kumpens hekk kif likwidat.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati flimkien u solidalment bejniethom ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat..

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-<u>2 ta` Gunju 2008</u> li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, ir-rikors guramentat kif prezentat mir-rikorrenta huwa null, u minghajr effett, billi l-imsemmi rikors ma jikkontjenix dak mitlub mil-Ligi ai termini ta` l-Artikolu 156(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba, safejn relattiva ghal zmien ta` aktar mill-ahhar hames snin, waqghet bi preskrizzjoni taht l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili ;*

*3. Fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenta huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt peress illi huwa kontestat li r-rikorrenti prestat xi servigi lil ommha tul hajjitha ;*

*4. Mhux minnu li r-rikorrenta kienet tippresta servigi lil ommha matul hajjitha, anzi kienet l-istess mejta li kienet tiehu hsieb lir-rikorrenta u lill-familja taghha ;*

*5. Mhux minnu li r-rikorrenta harget xi flejjes minn butha ghal spejjez in konnessjoni ma` servigi, anzi kienet il-mejta li kienet ta` sikwit issellef flejjes lill-istess rikorrenta ;*

*6. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghal dan kollu li ntqal hawn fuq, jekk gew rezi xi servigi, dawn gew ikkompensati.*

*7. Salv eccezzjonijiet ohra skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez u bir-rikorrenta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Gunju 2008 (fol 19) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-konvenuti ddikjaraw illi ma kienux qeghdin jinsistu aktar fuq l-ewwel eccezzjoni. Din id-dikjarazzjoni tammonta ghal rinunzja tal-istess eccezzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-15 ta` Jannar 2009 (fol 22) fejn wara l-mewt tal-konvenut John Debono l-atti fil-kaz tieghu kienu trasfuzi f`isem il-konvenuti l-ohra.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici (fol 29 sa fol 32) u ta` Anthony Debono (fol 33).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Marzu 2009 (fol 34) quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn il-partijiet kienu diretti sabiex iressqu provi kemm fuq it-talbiet fil-mertu, u kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet, inkluza dik tal-preskrizzjoni.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Alfred Briffa (fol 36 sa fol 39), ta` Catherine Catania (fol 42 sa fol 43) u ta` Andrea Briffa (fol 44).

Rat in-nota b`dokumenti (fol 46 sa fol 85) li kienu esebiti mill-attrici fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2009.

Semghet id-deposizzjoni ta` Catherine Fenech bhala rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc (fol 100 sa fol 103) fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2009 u d-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud (fol 89 sa fol 91).

Semghet id-dikjarazzjoni tal-attrici li saret fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2009 fejn ghalqet l-istadju tal-provi taghha.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-konvenuta Maria Salome` Briffa (fol 93 sa fol 97 li huwa l-istess wiehed bhal dak a fol 107 sa fol 113), tal-konvenuta Josephine Camilleri (fol 114 sa fol 118), tal-konvenuta Louise Dimech (fol 119 sa fol 123), ta` l-konvenuta Doris Farrugia (fol 124 sa fol 134), ta` l-konvenuta Pauline sive` Polly Azzopardi (fol 135 sa fol 138).

Semghet fl-udjenza tas-27 ta` Ottubru 2010 il-kontroezami tal-attrici (fol 144 sa fol 173) u ta` Alfred Briffa (fol 178 sa fol 182) kif ukoll id-deposizzjoni ta` Audrey Ghigo bhala rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc (fol 173 sa fol 175). Rat ukoll id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza (fol 176 u fol 177).

Semghet fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2011 il-kontroezami ta` Anthony Debono (fol 185 sa fol 198), ta` Pauline Azzopardi (fol 199 sa fol 212), ta` Louise Dimech (fol 213 sa fol 220), ta` Doris Farrugia (fol 221 sa fol 227), u ta` Maria Salome Briffa (fol 228 sa fol 233).

Semghet ukoll fl-istess udjenza d-dikjarazzjoni tal-konvenuti illi kienu qeghdin jaghlqu l-provi taghhom.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici li kienet prezentata fit-12 ta` Mejju 2011 (fol 235 sa fol 241).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti li kienet prezentata fis-7 ta` Lulju 2011 (fol 243 sa fol 249).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>**

Kien eccepit hekk mill-konvenuti kollha –

*… it-talba, safejn relativa ghal zmien ta` aktar mill-ahhar hames snin, waqghet bi preskrizzjoni taht l-Art.2156(f) tal-Kap.16.*

**L-Art.2156(f) tal-Kap.16** jaqra hekk –

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin :*

*…*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi talba ghall-hlas ta` servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16.

Il-gurisprudenza in materja hija kostanti fis-sens illi tghid li hemm lok ghall-preskrizzjoni f`kazi ta` servigi jew prestazzjonijiet ohra, ghalkemm ikun hemm kontinwazzjoni taghhom (ara – Qorti tal-Appell – "**Caruana vs Scicluna et**" – 4 ta` Gunju 1948 – Vol.XXXIII.I.285).

Dwar il-kontinwita` tas-servigi u l-preskrizzjoni, din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-17 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**Pace et ve Agius noe**" (Vol.XXIX.II.515) qalet hekk –

*L-azzjoni ghall-hlas ta` servigi u ghar-restituzzjoni ta` spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f`hames snin ; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B`dan li l-*

*kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-perkors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta` persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni taddebitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta` drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri.*

Din il-Qorti fliel b`reqqa l-provi fil-kumpless taghhom. Taghmel riferenza f`aktar dettall ghal dawn il-provi `l quddiem meta tittratta l-mertu tat-talbiet attrici. F`dan l-istadju sejra tillimita ruhha ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond id-disposizzjoni fuq citata.

Catherine Debono omm il-kontendenti mietet fil-25 ta` Lulju 2007. Hija ghamlet zewg testmenti. L-ewwel testament sar fil-25 ta` Jannar 1984 fl-atti tan-Nutar Nottor Mario Felice. F`dan l-ewwel testment, Catherine Debono halliet lill-attrici b`titolu ta` prelegat is-somma ta` Lm 1000 minghajr kwalifika ta` xejn. B`ebda mod ma rabtet dak il-laxxitu ma` xi turija ta` rikonoxximent lejn l-attrici. Lanqas ma hemm dikjarat fit-testment li dak kien xi legat rimuneratorju. Bit-tieni testment, dak tat-18 ta` Settembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores, Catherine Debono ghamlet bidliet fl-ewwel testment fis-sens illi *inter alia* hassret il-prelegat ta` Lm1,000 li kienet tat bl-ewwel testment lill-attrici.

Minn ezami tal-assjem tal-provi l-ohra, din il-Qorti ma ssib l-ebda prova objettiva u konklussiva, mhux mera ipotesi jew deduzzjoni, illi twassalha sabiex tikkonkludi anke fuq bilanc ta` probabilitajiet illi d-decujus accettat jew irrikonoxxiet li kienet debitrici tal-attrici ghal servigi lilha resi. Lanqas ma din il-Qorti ma rriskontrat prova ta` promessa da parti tad-decujus illi riedet tikkompensa lill-

attrici ghal servigi. U allura ma tirrizulta l-ebda prova konklussiva li matul il-medda tas-snin kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-Art.2156(f) tal-Kap.12**

**Ikkunsidrat :**

**III. Analizi tal-provi**

**L-akkoljiment ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jfisser li ghall-fini tat-talbiet attrici, huma rilevanti biss il-provi dwar prestazzjonijiet illi l-attrici ghamlet a favur ta` Catherine Debono bejn il-25 ta` Lulju 2002 u l-25 ta` Lulju 2007.**

**Mhijiex rilevanti kull prova dwar prestazzjonijiet illi setghet ghamlet l-attrici a favur tad-decujus qabel il-25 ta` Lulju 2002. Mhux biss izda ghall-fini tal-istanza attrici, kif dedotta, din il-Qorti lanqas ma hi sejra taghti konsiderazzjoni ghal servigi illi l-attrici setghet tat lil huha John Debono (li miet fil-mori tal-kawza fit-3 ta` Ottubru 2008) kemm fuq talba tieghu kemm jekk fuq talba tad-decujus kemm jekk bhala rispett lejn ix-xewqa tad-decujus. Kwalsiasi prestazzjoni li seta` saret mill-attrici versu John Debono mhijiex mertu tal-istanza tal-lum.**

Din il-Qorti sejra taghmel gabra tal-provi.

L-attrici hija l-kbira fost it-tmien ulied ta` Carmelo u Catherine konjugi Debono. Carmelo Debono miet fl-1970.

Meta Catherine Debono romlot, kien ghad kellha erbgha mit-tmien uliedha ghadhom jghixu d-dar maghha.

Mhuwiex kontestat illi l-attrici sa mill-bidu kienet tassisti lill-genituri taghha fil-materji kollha li ghandhom x`jaqsmu mad-dipartimenti tal-Gvern u l-banek.

Wara l-mewt ta` Carmelo Debono, hemm kontestazzjoni dwar x`assistenza ohra l-attrici kienet taghti lill-omm fis-sens illi min-naha wahda l-attrici tghid illi minhabba li hasset hafna n-nuqqas ta` zewgha u allura kellha bzonn support, hija kienet tghin lill-omm fil-facendi, tqatta` hafna hin id-dar taghha maqtugha mill-familja taghha, min-naha l-ohra hutha l-konvenuti jsostnu li l-ahwa li kien ghadhom id-dar kienu jaghmlu lkoll il-bicca taghhom ta` facendi ghax hekk kienu trabbew, l-omm kienet ghadha b`sahhitha u t-tisjir kienet taghmlu hi, u ghalhekk kienet hi li kienet issajjar ghall-attrici u l-familja taghhom bla ma tippretendi l-ebda kumpens.

Il-punt centrali tal-kawza huwa xi prestazzjonijiet tat l-attrici lill-omm fil-hames snin ta` bejn il-25 ta` Lulju 2002 u l-25 ta` Lulju 2007.

Apparti l-istampa li tohrog mix-xiehda kontrastanti tal-partijiet, id-dokumenti esebiti mill-attrici a fol 46 et seq tal-process jaghtu kwadru aktar preciz. Mill-assjem tad-dokumenti jirrizulta illi fit-3 ta` Lulju 2000 (fol 50) Catherine Debono ghamlet operazzjoni tal-katarretti fl-Isptar Saint James. Fid-19 ta` Ottubru 2001 (fol 50) hija tat prokura lill-attrici dwar deposiziti illi kellha fil-Bank of Valletta plc. A fol 53, hemm certifikat datat 18 ta` Novembru 2006 illi jghid illi Catherine Debono kellha tigi rikoverata l-Isptar San Luqa wara li sofriet frattura tar-*right femur* meta waqghet mis-sodda. Bejn id-29 ta` Dicembru 2006 u t-2 ta` Jannar 2007, kienet rikoverata l-Isptar San Luqa ghall-kura tar-*right hip* (fol 54). Fit-18 ta` Dicembru 2006 (fol 56) inxtara apparat ghall-kura tal-omm fosthom *commode*

*with wheels, forearm frame*, *foam mattress* u sodda apposta. L-istallazzjoni tal-apparat saret fl-20 ta` Dicembru 2006 (fol 58). Kienet prezenti l-attrici ghaliex iffirmat hi s-*service report.* Fil-5 ta` Dicembru 2006 (fol 60) l-attrici iffirmat dokument rikjest mid-Dipartiment ghall-Anzjani. Bejn is-17 ta` Jannar 2007 u t-8 ta` Frar 2007, Catherine Debono kienet rikoverata l-Isptar Zammit Clapp minhabba *intertrochanteric fracture right hip with DHS insertion* (fol 64) Fid-9 ta` April 2007, kienet milqugha talba ta` Catherine Debono ghall-ghoti ta` ghajnuna medika mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Fil-fatt hadet pagament f`dan is-sens (fol 75). Fis-27 ta` Frar 2007, Catherine Debono tat prokura generali lill-attrici (fol 61). Bejn is-17 ta` April 12007 u s-7 ta` Mejju 2007, l-omm kienet ghal *respite care* fir-Residenza San Vincenz.

L-attrici tixhed illi hija kienet taqdi lill-ommha billi kienet tiehu hsieb tal-bzonnijiet taghha fosthom illi tmur id-Dipartimenti tal-Gvern u l-isptar ghall-medicini kif ukoll tirrikorri ghall-banek u ssarraf ic-cheques tas-sigurta` socjali. Maria Salome` Briffa. Dan mhuwiex kontestat mill-konvenuti. Infatti l-konvenuta Maria Salome` Briffa tirrikonoxxi illi l-attrici kienet tiehu hsieb il-karti, taghmel il-qadijiet il-bank, issarraf ic-cekkijiet u tmur id-dipartimenti tal-gvern

Jidher evidenti illi l-impenn tal-attrici minn wiehed essenzjalment amministrattiv inbidel hekk kif l-omm garrbet ksur fit-18 ta` Novembru 2006. Sa dakinhar mhux kontestat illi ghall-eta` taghha kienet ghadha tajba, kienet tiehu hsieb id-dar u t-tisjir. Wara l-ksur, il-qaghda taghha marret lura u kienet tahtieg aktar assistenza minn uliedha. In partikolari l-attrici u l-konvenuta Pauline Azzopardi.

Wara li kisret il-hipbone, il-konvenuti riedu illi l-omm tidhol go home privata billi kellha flus biex thallas. Fl-istess waqt riedu illi l-omm tkun inkluz fil-*waiting list* tar-Residenza San Vincenz sabiex kif jispiccaw il-flus tkun tista` tidhol hemm. Skond l-attrici, l-omm ma rieditx tmur

home u hi offriet ruhha li tiehu hsieb hi tal-bzonnijiet ta` Catherine Debono aktar mill-prestazzjonijiet amministrattivi. Skond il-konvenuti, l-attrici ddecidiet hekk kif saret taf illi l-omm kellha l-flus. Jibqa` l-fatt illi l-omm ma marritx f`home u marret lura d-dar.

L-attrici tghid illi minn flus l-omm hija xtrat apparat apposta biex ighin lill-omm fid-dizabilita` li kellha wara l-operazzjoni tal-hip-bone.

Skond il-konvenut Anthony Debono, l-attrici baqghet tiehu hsieb lill-omm sal-mewt wara li harget mill-isptar.

Il-konvenuti jaghmlu enfasi fix-xiehda taghhom ghall-fatt illi meta l-omm ghamlet it-tieni testment taghha u cioe` dak tal-2000 fejn nehhiet il-prelegat tal-Lm1,000 a favur ta` l-attrici, din tal-ahhar haditha bi kbira, daret kontra l-omm u ghamlet zmien qabel bdiet tiffrekwenta lill-omm. Issemma mill-konvenuti zmien ta` erba` snin fejn l-attrici ftit li xejn kienet tersaq lejn id-dar tal-omm. Jirrizulta li l-prokura kienet daret minn fuq l-attrici ghal fuq il-konvenuta Doris Farrugia. Pero` in segwitu rega` daret fuq l-attrici. L-attrici tirrikonoxxi illi ghal xi zmien kisritha mal-omm. Issemmi perijodu ferm anqas mill-erba` snin li ndikaw hutha. Ma hemm xejn cert illi jindika illi dan kien zmien illi jidhol fil-perijodu ta` hames snin mertu tal-analizi li qeghda taghmel din il-Qorti.,

Jirrizulta li meta Catherine Debono ma setghetx tohrog mid-dar wara li kisret il-hipbone, kellha tibqa` fis-sodda. Filghodu kienet tmur carer. Lejn is-7.00 p.m. kienet tmur toqghod maghha l-konvenuta Pauline Azzopardi. Tard filghaxija kienet tmur l-attrici li torqod il-lejl mal-omm. L-irqad tal-attrici mal-omm kien isir sitt iljiel fil-gimgha. Hemm kontestazzjoni ta` kemm kienet iddur Pauline Azzopardi. Kif ukoll illi l-attrici ma kenitx tbiddel il-hrieqi tal-omm kemm kien mehtieg. Pero` jirrizulta kollox ma` kollox illi l-attrici u Pauline Azzopardi matul ix-xhur in

kwistjoni tas-sena 2006-2007 ghamlu ferm altru milli jaghtu daqqa t`ghajn lill-omm.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Dritt**

Il-principju ewlieni llum accettat fil-gurisprudenza taghna hu li kwalunkwe servigi ghandhom jitqiesu li gew prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jirrizultawx cirkostanzi li jistabilixxu b'mod konklussiv il-gratuwita' anke meta hemm relazzjoni ta' parentela. Il-presunzjoni ta' gratuwita' ghal servigi resi fejn hemm vinkolu ta' parentela giet sostitwita bil-presunzjoni kontrarja tali li hadd ma huwa prezunt li offra s-servigi tieghu bla hlas sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat.

Infatti il-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Zammit et vs Vella noe"** deciza fl-1 ta' Dicembru 1958 irriteniet hekk –

*... din il-Qorti, fit-12 ta' Dicembru 1935, in re 'Farrugia vs Caruana' irriteniet li fil-gurisprudenza anterjuri l-presunzjoni tan-'non-gratuita' giet sostwita bil-presunzjoni kuntrarja fil-kaz ta' servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati 'familiaritis causa' ; imma fil-gurisprudenza aktar ricenti, anke ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jirrikorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita' sia pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela (Vol. XXIX.II.851 u Vol. XLII.I.625)*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Borg vs Gaffiero et**" din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/PS**) ghamlet din l-osservazzjoni –

*In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp ;*

*Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens." ("**Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe**",* Appell Civili, *14 ta' Frar 1938) ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e*
*l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i*
*servigi" - "**Felicia Felice -vs- Giuseppe Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1875 ;*

*L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. ("**Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974; "**Mary Grace Attard -vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989) ;*

(ara wkoll **"Delicata et vs Saliba pro et noe"** – Qorti tal-Appell – 22 ta' Mejju 1989 ; **"Caruana pro et noe vs Abela"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 14 ta' Jannar 1965 ; **"Zammit et vs Vella noe"** – Qorti tal-Appell 1 ta` Dicembru 1958 "**Agius vs Calleja"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Frar 1958 u **"Axiaq vs Mifsud et"** – Qorti tal-Kummerc – 9 ta' Jannar 1952).
**Ikkunsidrat :**

## V. Risultanzi

### i) L-ewwel talba

Din il-Qorti sejra tqis l-ewwel il-presunzjoni.

Ghalkemm l-attrici, specjalment waqt il-kontroezami, ittentat tghid illi kull ma ghamlet ma` ommha ghamlitu *senza interessi* u semplicement bhala turija tal-imhabba li kellha ghaliha, ir-realta` tal-fatti turi kjarament illi l-hsieb ahhari taghha kien illi tithallas, specjalment fil-perijodu in kwistjoni fejn l-attrici kienet taf illi wara t-testment tal-2000 id-decujus kienet nehhiet il-legat ta` Lm1,000 li kien thalla favur taghha bit-testment tal-1984. Prova ta` dan mhijiex biss dak mistqarr mill-konvenuti illi li ghamlet l-attrici mal-omm ghamlitu biex tithallas izda anke mill-fatt illi ftit qabel il-mewt tal-ammont ingibdet somma konsiderevoli mill-kont illi l-omm kellha l-HSBC Hamrun u dan mill-omm, skond l-attrici, sabiex taghtiha rigal ghal li ghamlet maghha. L-attrici hadithom dawk il-flus u mhux qalet lill-omm li ma riedithomx ghaliex li ghamlet maghha ghamlitu bla hlas. Kien ezatt wara l-mewt tal-omm propju l-ghada li rega` ddepositat fil-kont tal-ammont il-flus kollha illi l-attrici kellha ghandha sabiex, skond hi, ma jkollhiex inkwiet ma` hutha. Ghal din il-Qorti dan kollu jfisser illi xejn ma kien intiza gratuwitu fil-perijodu in kwistjoni.

Sorvolat dan l-ewwel punt, din il-Qorti sejra tqis jekk kienx hemm prova sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi illi l-attrici rrendiet servigi lill-omm fiz-zmien inkwistjoni.

Mill-assjem tal-provi, jirrizulta tajjeb illi ghal parti sewwa mill-hames snin in kwistjoni, is-servigi tal-attrici kienu ta` natura amministrattiva u wiesgha. Kienet prattikament tiehu hsieb kollox hi minghajr intervent minn hutha. Amministratx tajjeb inkella le mhuwiex mertu ta` din il-kawza. Mertu huwa l-ghamla ta` prestazzjonijiet. Kienu servigi tassew u mhux semplici facenda `l hemm u `l hawn jew inkella zjara *d`obbligo* versu l-omm. Kienu pretazzjonijiet li ma kienux minn dawk is-semplici u ovvji li kull wild b`mod naturali jaghti lill-genitur. Kienu pretazzjonijiet li jmorru oltre t-turija ta` rispett naturali ghaliex kienu jinvolvu l-immaniggjar ta` flus, qadi fil-banek u fid-dipartimenti tal-Gvern. Mhumiex hwejjeg ta` kuljum u ghal kulhadd u maghhom igorru responsabilita`. Fix-xhur, ftit anqas minn sena qabel il-mewt tal-omm, il-prestazzjonijiet kienu aktar impenjattivi meta wiehed iqis il-qaghda debilitata tal-omm. Kienet torqod mal-omm sitt darbiet fil-gimgha matul ix-xhur in kwistjoni li ma kenitx haga *leggera* anke ghaliex l-omm kienet *bedridden*.

<u>Din il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` l-ewwel talba</u>.

**ii) <u>It-tieni talba</u>**

Dwar il-kalkolu tal-kumpens relattiv ghall-perijodu in kwistjoni, il-gurisprudenza taghna tghid li l-linji gwida ghandhom ikunu dawn –

1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;
2) il-mezzi tal-persuna li bbenifika mill-prestazzjonijiet ;
3) il-parentela ta’ l-atturi mad-decuius ;
4) L-isforzi agguntivi li taw is-servienti biex jaqdu lid-decuius;

5) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe' jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;
6) jekk il-servienti inkorrewx spejjez li taghhom ma gewx rimborsati.

(ara "**<u>Vassallo vs Aquilina"</u>** – Prim Awla tal-Qorti Civili - 29 ta' Gunju, 1982, **<u>"Cutajar vs Vella"</u>** – Prim Awla tal-Qorti Civili - 6 ta' April, 1982, u **<u>"Buhagiar vs Mifsud"</u>** – Prim Awla tal-Qorti Civili - 1 ta' Frar, 1983).

Fis-sentenza ta` din il-Qorti moghtija fil-11 ta' Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Catania noe vs Agius"</u>** inghad hekk –

*…minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunjiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Delicata v. Saliba, deciza fit-22 ta' Mejju 1989, hi bazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv.*

Din il-Qorti wkoll tabbraccja dan il-hsieb.

Fil-kaz tal-lum, diga` rrizulta li l-prestazzjonijiet ta` natura amministrattiva kienu mifruxa matul il-hames snin in kwistjoni waqt li l-presenza tal-attrici matul il-lejl fid-dar tal-omm kienet koncentrata fix-xhur ta` qabel il-mewt tal-omm. Bhala mezzi, irrizulta li l-ghada tal-mewt ta` Catherine Debono fil-kont illi d-decujus kellha fl-HSBC Hamrun kien hemm Lm3,913.32 (ara fol 176) ekwivalenti ghal €9,115.58. Is-servigi ma kienux ta` natura ordinarja. Ma hemmx prova illi l-attrici inkorriet spejjez li taghhom

ma kenitx rimborsata ; infatti ta` li nefqet l-attrici pprezentat il-kontijiet u r-ricevuti. Irrizulta illi wara li kisret il-*hipbone* l-omm spiccat *bedridden* bil-htiega ta` assistenza kuljum matul il-jum u bil-lejl. L-attrici kienet taghti s-sehem taghha sitt iljiel fil-gimgha anke jekk kien hemm perijodu identifikat u stabbilit fejn l-omm kienet ghall-kura fl-isptarijiet. Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens m`ghandux ikun baxx meta l-beneficcjarju jkun marid jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa (ara - "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Gunju 1982 u **"Buhagiar noe vs Mifsud noe"**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983)

**Kollox meqjus, din il-Qorti tghid illi s-somma ta` €1,750 hija gusta sabiex tigi likwidata bhala servigi a favur tal-attrici. Din il-figura hija netta u allura minghajr obbligu da parti tal-attrici li taghmel xi kontribuzzjoni fil-vesti taghha ta` ko-eredi ta` Catherine Debono.**

**iii) It-tielet talba**

Ghalhekk, in kwantu ghat-**tielet talba**, il-hlas ta` €1,750 ghandu jsir mill-konvenuti flimkien a favur tal-attrici.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni preliminari.**

**Tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u tillikwida favur l-attrici l-ammont ta` elf seba` mija u hamsin Ewro (€1,750) bhala kumpens ghas-servigi, kura u assistenza resi lill-mejta Catherine Debono.**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta` elf seba` mija u hamsin Ewro (€1,750) bhala kumpens ghas-servigi, kura u assistenza resi lill-mejta Catherine Debono, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12, tordna illi kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------